# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta’ nhar Erbgha 20 ta’Gunju, 2001**

**Numru: 21**
**Citaz. numru: 870/01/RCP**

**S.S. Lifts Limited**

**vs**

**Creative Refurbishing Centre (Malta) Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici li bih is-socjeta` attrici wara li ppremettiet:

Illi, is-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' tnax-il elf u disa' mitt Liri Maltin (Lm12,900.00) import ta' zewg kambjali migbuda fit-12 t'April, 2000 accettati mill-istess socjeta` konvenuta u li skadew fit-12 ta' Mejju 2000 u fit-12 ta' Gunju, 2000 kif ahjar jirrizulta mill-kopja ta' l-

istess kambjali li qed tigi hawn annessa u markata Dok "A” u "B".

Illi, interpellata diversi drabi ghall-hlas u dan anki permezz ta' Ittra Ufficjali datata 11 ta' Settembru, 2000 is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti.

Illi, id-debitu tas-socjeta' konvenuta huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta' attrici s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonjiet x’taghmel f’din il-kawza, li ghalhekk tista' tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh ai terminu ta' l-Artikolu 167 et. seq. tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili - Kap. 12 tal-Ligijiet.

L-istess socjeta` attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex Din il-Qorti:

1. Taqta u Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili Kap, 12 tal-Ligijiet; u

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tnax-il elf u disa' mitt Liri Maltin (Lm12,900.00) import ta' zewg kambjali migbuda fit-12 t'April, 2000 accettati mill-istess socjeta` konvenuta u li skadew fit-12 ta' Mejju 2000 u fit-12 ta' Gunju, 2000 kif ahjar jirrizulta mill-kopja ta' l-

istess kambjali li qed tigi hawn annessa u markata Dok. "A" u "B".

Bl-ispejjez inkluzi dak ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Settembru, 2000 u tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment u bl-imghax legali mit-12 ta' Mejju, 2000 sal-jum tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta` konvenuta li naqsem li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta` attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta` attrici;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici li biha rriduciet it-talba ghall-sitt elef, sitt mija ghoxrin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm6,620.66c) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba ridotta tirrizulta pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacta tas-socjeta` konvenuta **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** limitatment ghas-somma ta' sitt elef, sitt mija ghoxrin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm6,620.66c), bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**20 ta' Gunju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**20 ta' Gunju, 2001**